MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2010

Talba Numru. 323/2009

**Frank Borda Limited (C446)**

**vs**

**Christopher Vella (I.D. 289068M) u**
**Joanne Vella (I.D. 393767M) in solidum bejniethom**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-21 ta' April 2009, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta` attrici is-somma ta' tmien mija u seba` u erbghin Euro u ghoxrin centezmu (€847.20) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-interessi.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma deherux la fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2010, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ghaldaqstant** peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmien mija u seba` u erbghin Euro u ghoxrin centezmu (€847.20) bl-interessi kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------